## SAN ĠORĠ PRECA – MA NINSEWĦX!

"Viva San Ġorġ Preca! Viva l-ewwel Qaddis Malti! Jien iltqajt miegħu hemm! Jien kont nafu lil San Ġorġ! Taf x'kien qalli San Ġorġ Preca? Jien fiqt bl-interċessjoni ta' San Ġorġ Preca!" Kemm smajna minn dawn il-frażijiet u oħrajn bħalhom. F'Mejju u Ġunju li għaddew konna bbumbardjati bi programmi u b'informazzjoni fuq San Ġorġ. Ħaġa tajba u hekk għandu jkun. Iżda x'għadna niftakru minn kliemu? X'qegħdin insegwu mill-eżempji tiegħu? Kif inbiddlet ħajjitna?

### L-EWWEL LAQGĦAT

Ġuża wkoll kellha diversi laqgħat miegħu u ħadet diversi pariri minn għandu. Tgħid li fis-snin erbgħin kellha żewġ Diretturi Spiritwali. Dawna kienu Dun Ġorġ Mercieca u San Ġorġ Preca. Dwar San Ġorġ tgħid, "L-ewwel darba li jiena mort għand Dun Ġorġ Preca kien qiegħed iqarar il-Ħamrun fil-Knisja ta' San Gejtanu u għidtlu, 'Jiena ġejt għandek illum biex tagħmilli qrara ġenerali.' Hu staqsieni fejn inqerr issoltu u jiena għidtlu li kont inqerr għand Dun Ġorġ Mercieca. Għidtlu li dan Dun Ġorġ Mercieca, il-konfessur tiegħi ma riedx jagħmilli din il-qrara u Dun Ġorġ Preca qalli, 'Dun Ġorġ Mercieca ma għamilhielekx din il-qrara; u kun af li lanqas Dun Ġorġ Preca mhu ħa jagħmilhielek. Din il-qrara tagħmilha mkien, int lanqas kapaċi tagħmel dnub venjal, aħseb u ara dnub mejjet. U peress li qed tgħidli li l-konfessur tiegħek hu Dun Ġorġ Mercieca aħjar, għax aktar insir nafek.'"

Ġuża tgħid li għamlet żmien tisma' leħen jgħidilha "iddefendi l-unur t'Alla mid-dagħa." Hi ikkonfondit u tgħid li, "għal xi parir kbir kont immur ukoll għand Dun Ġorġ Preca u lil dan għidtlu b'dan il-messaġġ u meta beda jifhimni staqsejtu, 'bħala mara x'nista' nagħmel?' Hu weġibni: 'Bħala mara tista' taħdem ħafna u ħafna u tista' tagħmel ħafna ġid. Tibża' minn ħadd, qawwi qalbek, la tibża' minn ħadd, għax jiena naf x'kalvarju għaddejt min-naħa tal-Knisja meta ftaħt il-bibien tad-duttrina. U inti wkoll ħa tgħaddi minn Kalvarju kbir ħafna... Ħa jkollok ħafna ntoppi imma ħadd mhu ħa jagħmillek xejn għax miegħek hemm l-Id t'Alla u tal-Madonna li qegħda tispiralek u ġġiblek dawn il-viżjonijiet.

Agħmel fidi kbira f Alla, qawwi qalbek, tibża' minn ħadd, kun sempliċi u umli u jiena ħa ngħidlek binti, u nbierkek b'idejja t-tnejn, illi ħadd m'hu ħa jagħmillek xejn, għaliex id-dgħajsa ta' San Pietru li waqqaf Kristu meta kien fid-dinja, bil-mewġ kollu tal-baħar li kellha kontrieha, ħadd ma jista' jfarrakha. Inti bniedma li għadek magħluqa u ma jaf bik ħadd, imma jiena qed inħossni li qed inkun ħafna ispirat fuqek u fil-ġejjieni permezz tal-Madonna illi tagħha qed ikollok ħafna kuntatti, kemm f Malta u fid-dinja kollha ħa jsir ħafna ġid kemm spiritwali u kemm temporali.'

Meta, ftit wara, jiena għidtlu li rajt is-Sinjura tal-Ħajja, Dun Ġorġ Preca kien qalli li jaf ħafna affarijiet, 'u l-Madonna mhix ser tieqaf hawn miegħek. Jiena lil Ġesu fit-tqarbin qiegħed noħodlu rasu fuqek.' Jiena meta kont qed inkellmu qabadni ftit tal-bard imma offrejtu lill-Madonna. Qalli, 'Il-Mulej ħa jinqeda bik'. Jien għidtlu, 'Dun Ġorġ, imma inti ma taranix li jiena dgħajfa ħafna għal dawn l-affarijiet?' Qalli, 'Jiena ħa ngħidlek biex tħalli kollox fl-Id tal-Providenza t'Alla għax Alla jinqeda b'min irid. Ftit ġranet ilu sirt naf li Ġesu qiegħed jinqeda bik biex tikkonverti l-erwieħ.'"

### FIT-TALB HEMM IS-SAĦĦA TAR-RUĦ

F'messaġġ irrekordjat minn Ġuża f'Jannar 1992 hija qalet, "Meta kont nitkellem ma' Dun Ġorġ kien jgħidli, 'Binti, meta jinkwetawk jew iħabbtuk jew jgħidulek xi affarijiet fuq dan il-messaġġ aqbad itlob lill-Mulej. Għax la r-ruħ tkun ta' Alla trid tkun iddedikata ħafna fit-talb u la jkun hemm it-talb ikun hemm is-saħħa tar-ruħ... M'għandekx għalfejn toqgħod titħawwad għax il-Mulej iħobbok ħafna. Ibda itlob hekk, 'Sinjur Alla inti fuqi taf kollox. Inti taf li jiena bniedma ddedikata għalik.'

Anka meta tkun ser tirċievi l-Ewkaristija, għidlu hekk lil Ġesu, 'Ġesu ta' l-Ewkaristija ma tantx jien ħa nitlob talb kbir. Inti taf li jiena nħobbok u għalhekk ibqa' dejjem miegħi f'ħajti biex inkun nista' nżid il-ħsieb tiegħi fuq dak kollu illi għamilt għalija fl-Ewkaristija.' U kien jgħidli biex lis-Sinjur Alla dejjem inkellmu b'ħafna sempliċita. Kien jgħid li bniedem t'Alla dejjem jaħseb f'Alla u jinġabar aktar fit-talb. Talba oħra li tgħallimt kienet, 'Sinjur Alla inti hawn u jiena fik, inkellmek u inti tismagħni. Sinjur Alla ħu ħsiebi u għin lil din li qegħda titolbok biex dak illi qed titolbok meta tara t-tjubija tiegħu tagħtihulha.'

Kien jgħidli, "Jien ma jaqilgħunix biex nagħmel paneġirku għax ma ninqalax imma meta nibda nitkellem fuq il-kobor t'Alla rigward is-sema, rigward il-ħolqien tal-baħar, rigward il-ħolqien tad-dinja ma niqafx."

### IL-KOBOR T'ALLA

Fil-laqgħa tas-17 ta' Marzu 1996 Ġuża kellha dan xi tgħid, "Dun Ġorġ Preca tafu kif kien ikun? Kien ikun qisu wieħed bħalna. Meta tkellmu, kien jgħidlek: 'Jien min jiena?' Bl-umilta' kollha kont titkellem miegħu u kien jagħtik il-veru dawl tal-kuxjenza tiegħek, kont tidħol daħla fik innifsek u tħares ħarsa dritta lejn is-sema u lejn Alla. Kien jgħid ħafna affarijiet. Darba lili qalli li tant ħadha bi kbira meta kellu ħabib u dan qallu: 'Dun Ġorġ, illum irridek tiġi miegħi biex indawrek dawra fuq il-baħar bil-luzzu.' Qalli: 'Bdejt niftaħ idejja u ngħid, kemm hu kbir Alla!'. L-ieħor qallu: 'X'inhu, Dun Ġorġ?' Weġibtu: 'Kemm hu kbir Alla, kemm hu kbir Alla, għaziz ħija, x'kobor immens t'Alla dawn l-ilmijiet kollha! Kieku ma kinitx l-Id tal-providenza t'Alla, kif qegħdin inwaddbu warajna u għandna quddiemna dan l-ilma kollu? Kemm hu kbir Alla, infinita l-kbira sapjenza Tiegħu.' U bqajt infaħħar lil Alla u faħħartu ma' kulħadd.' Qalli: 'Hekk għandek tagħmel inti... Tibżax, jiena ħa nitlob għalik, anka meta mmut, mis-sema.'"

F'messaġġ irrekordjat minn Ġuża f'Ottubru 1991 hija tkompli tgħid li qalilha hekk, "Ġejjin ħafna affarijiet, tbatijiet għalik." Qalli kelma jien għadni m'għidthiex. Kien qalli, 'Spiritwali ħa tħoss ħafna u materjali ħa tħoss ħafna. Ħalet ta' ilma kbar ġejjin min-naħat it-tnejn, kemm min-naħa tar-ruħ u kemm min-naħa tal-ġisem. Ħa tbati ħafna għaliex dak ippredestinalek il-Mulej, tbatija kbira ħafna li ħadd ma jifhmek bħal meta kien Kristu fid-dinja..."

### NAĦSBU F'ALLA, NAĦSBU F'RUĦNA

Lil San Ġorġ, Ġuża ssemmiħ diversi drabi oħra fosthom meta tgħid, "Ngħidu dawn it-tliet kelmiet oħra li tant kien jgħidhomli Dun Ġorġ biex ngħidhom ta' sikwit: Naħsbu f'Alla, naħsbu f'ruħna għax ma nafux meta mmutu."

Darba oħra tgħid, "aħna naħsbu li mal-mewt jispiċċa kollox... Jiena ħa ngħidilkom kliem li kien juża miegħi Dun Ġorġ. Hu kien jgħidli, 'Ġuża hawn ħafna min jibża' mill-ġrieden u mill-wirdien... hawn nies illi arani u la tmissnix għax dak uffjaqq... imbagħad imur ġol-qabar u l-ispirtu tiegħu jidher quddiem Alla biex Alla jagħtih il-ħaqq... u ġismu jmur fil-qabar, ikel tal-ġrieden u tal-wirdien." Hu kien jgħidli, "li kieku Alla ma jtellagħlniex in-nifs kull ħin u kull mument aħna m'aħna xejn."

Meta mietet ommha Nikolina, Ġuża tgħid li San Ġorġ qalilha, "Il-mewt nistgħu noħduha b'rigal meta ngħixu għal Alla u dan għal ommok kien l-akbar rigal għax iltaqet m'Alla... Issa jiena ħa nissuġerilek li tħalli x-xogħol kollu tiegħek ta' appostolat, tħalli l-kongregazzjoni, ħalli li inti delegata tal-morda, ħalli u għidilhom li dan qed ngħidulek jiena. Il-Mulej Alla ta' l-Eżerċiti flimkien mar-Reġina tas-Sema li inti tant tħobb u ilek ħafna bil-kuntatt magħha ħa jkomplu juruk dik il-missjoni li ppreparatlek minn qabel ma' ġejt fid-dinja. Ma jgħaddix żmien twil illi dana l-kliem li qed ngħidlek ma tiġix fih'."

Ġuża kellha diversi kuntatti u esperjenzi oħra fir-rigward ta' San Ġorġ Preca. It-tagħlima hija, li dak li nisimgħu u l-eżempji li naraw minn dawn in-nies qaddisa ma għandniex inħalluhom għaddejin. Għandna napplikawhom kif għamlet Ġuża f'ħajjitha: umilta', sempliċita', fidi kbira, kuraġġ, imħabba kbira lejn Alla, għarfien tal-kobor t'Alla u x-xejn tagħha, ħajja ta' talb, rassenjazzjoni... Nieħdu l-eżempju tagħhom u nagħġnuh biex isir parti minn ħajjitna wkoll!

*Sylvana Spiteri LL.D*

---

**TALBA**

Sinjur Alla ta' l-Eżerċiti ixħet il-ħarsa tiegħek fuqi, twarrabx idejk minni u żommni dejjem marbut/a mal-volonta' mqaddsa tiegħek.

Mulej, nadurak, imbierkek u nfaħħrek u filwaqt li niżżik ħajr tad-doni u l-grazzji li inti tajt lil Ġuża Mifsud, nitolbok sabiex bl-interċessjoni tagħha u ta' Ommi Marija Santissima, taqlagħli din il-grazzja li tant nixtieq. Amen. *Glorja lill-Missier...*

---

## GRAZZJI MAQLUGĦA

**J. Borg mill-Mellieħa kitbet hekk**: Ommi, Lucija, kienet tara d-demm minkejja li kellha fuq sittin sena. Dak iż-żmien kienet taħt il-kura ta' Professur partikolari, iżda mbagħad, jiena u ħuti iddeċidejna li nieħdu parir ta' Professur ieħor.

Saritlha l-ismear test, l-ultrasound u l-biopsy. Mill-biopsy irriżulta

li kellha cancer fl-utru. Meta jiena u ħuti ċempilna lill-Professur dan qalilna li l-cancer kien infirex fin-naħa tax-xellug. Sadanittant, ommi kienet l-isptar fejn ġiet operata biex jitneħħilha l-utru.

Aħna tlabna ħafna lil San Padre Pio, lill-Madonna tal-Girgenti kif ukoll lil Ġuża Mifsud sabiex jinterċedu għall-fejqan ta' ommna.

Niftakar sewwa li darba minnhom, kien it-Tnejn filgħodu, ċemplitli ommi tibki u qaltli li l-Professur kien qalilha, "Għandek ħafna qaddisin jitolbu għalik għax milli għidna ma hemm xejn. La għandek bżonn ta' raġġi u lanqas ta' chimoteraphy għax li kien hemm inqala kollu ma' l-utru."

L-aħħar test sar f'Marzu li għadda u fih ma rrizulta l-ebda traċċi tal-marda li kellha.

Għalhekk Madonna tal-Girgenti jiena nirringrazzjak ta' kemm-il darba tlabtek u inti bħala Ommna tas-sema dejjem smajtni... Nitolbok li tressaqna aktar lejk biex meta ssejjħilna nisimgħuk. Grazzi Madonna tal-Girgenti.

**T. Barthet minn San Pawl il-Baħar kitbet**: In-neputija tiegħi għamlet żmien mhux ħażin fil-wheelchair għax ma setgħetx timxi. Hi għandha madwar tlettax-il sena u toqgħod North Carolina, l-Amerka. Il-ġenituri tagħha sa ħaduha New York u Miami sabiex isirulha eżamijiet minn speċjalisti.

Dakinhar li kellhom joħdulha d-demm sabiex jaraw x'għandha, jiena tlajt il-Girgenti flimkien mal-grupp ta' l-Ibragg u tlabt ħafna lill-Madonna għaliha. X'ħin wasalt id-dar irċivejt telefonata fejn qaluli li n-neputija ma għandha xejn u li kienet diġa bdiet timxi. Kien għadu lanqas biss ħareġ ir-riżultat tad-demm.

Ta' dan nirringrazzja lil Alla għall-grazzja li qlajt bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni.

**C. Garzia minn Ħal Tarxien** kitbet li tant kienet ma' tiflaħx li kellha tibgħat għat-tabib. Ordnalha xi pilloli, li ma xtaqitx toħodhom peress li kienu diġa tieħu pilloli oħra. Talbet lil Dun Ġorġ Preca sabiex jitlob l-interċessjoni tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni. Talbet lilu peress li kien ser jiġi dikjarat qaddis u hekk ħasset li kien xieraq. It-Tnejn 4 ta' Ġunju tgħid li f'daqqa waħda dak li kienet tħoss għaddielha u ta' dan tirringrazzja lil Alla.



**Il-Familja Trapani Galea minn Tas-Sliema** tirringrazzja lil Alla għall-grazzji li qalgħu bl-intercessjoni tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni u ta' Ġuża Mifsud.

**F. Agius minn Birżebbugia** tirringrazzja lil Alla għall-grazzja li qalgħet bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Girgenti u Sant' Espedito.

**N.N. miż-Żurrieq** tirringrazzja lil Alla għall-grazzja li qalgħet bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni u ta' Ġuża Mifsud. Għal xahrejn sħaħ kellha uġigħ f'żaqqha. Marret għand it-tabib, ta l-pilloli imma kien kollu għal xejn. L-ispeċjalista bagħtha l-isptar għat-testijiet, irriżulta li ma kellha xejn gravi u l-uġigħ għaddielha.

***N.B. Grazzji riċevuti mingħajr isem sħiħ, indirizz u numru tat-telefown ma jiġux ikkunsidrati. Min irid iżda, jista' jitlob li jibqa' anonimu meta l-grazzja tiġi pubblikata.***

## ADORAZZJONI EWKARISTIKA FIL-GIRGENTI

Il-laqgħa ta' l-4 ta' Novembru 2007 kienet speċjali ħafna għalina għaliex saret fil-presenża ta' Ġesu ta' l-Ewkaristija. Nirringrazzjaw lill-Mons. Arċisqof li tana l-permess nagħmlu din l-adorazzjoni li kienet immexxija minn Dun Nazzaren Tonna u megħjun minn Fr. Lawrence Galea. Sar talb ta' tifħir, ta' ringrazzjament, ta' riparazzjoni, nqraw diversi intenzjonijiet u siltiet minn diskorsi ta' Ġuża Mifsud. Il-laqgħa spiċċat bil-barka sagramentali.

## RINGRAZZJAMENTI

Il-Kumitat 'Madonna tal-Konsagrazzjoni' jirringrazzja lil:

1. Qassisin li kkonċelebraw u lil dawk kollha li attendew għall-quddiesa li saret b'ringrazzjament lil Alla nhar it-Tnejn 29 ta' Ottubru 2007 fil-Knisja Arċipetali tas-Siġġiewi f'għeluq il-ħdax-il sena mill-mewt ta' Ġuża Mifsud.
2. Dawk id-devoti li jibagħtu xi donazzjoni sabiex itaffu mill-ispejjeż ta' dan il-fuljett, kemm fir-rigward ta' l-istampar tiegħu kif ukoll għall-pustaġġ.



# AVVIŻI

1. Il-laqgħat li jmiss se jsiru kif ġej:
   Il-Ħadd 6 u 20 ta' Jannar 2008 fit-3.00p.m.
   Il-Ħadd 3 u 17 ta' Frar 2008 fit-3.30p.m.
   Il-Ħadd 2 u 16 ta' Marzu 2008 fl-4.00p.m.
   Il-Ħadd 6 u 20 ta' April 2008 fil-5.30p.m.
2. Dawk li qalgħu xi grazzja huma mħeġġa li jiktbulna l-grazzja u jagħtuna kemm jistgħu dettalji dwarha. Tinsewx tiktbu isimkom, l-indirizz u n-numru tat-telefon. **Grazzji mingħajr isem sħiħ, indirizz u numru tat-telefown ma jiġux ikkunsidrati.** Jekk ma tkunux tridu li jidher isimkom fuq il-fuljett dan ma jiġix ippubblikat. Huwa mportanti li, kemm jista' jkun, ittuna ċ-ċertifikat tat-tabib fejn jiċċertifika l-fejqan tagħkom.
3. Inħeġġu lill-qarrejja biex jimlew il-formola ta' sħubija fil-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn il-formoli jistgħu jittieħdu mill-Girgenti stess jew billi tiktbu lis-Segretarja, Dr. Sylvana Spiteri, 6 Sqaq Nru. 2, Triq il-Kbira, Siġġiewi, SGW 1320.
4. Min hu nteressat li jkun jaf aktar dwar il-ġrajjiet tal-Girgenti infakkrukom li matul is-snin ġew ippubblikati seba' kotba bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż. **Għandna wkoll id-DVD "Ix-Xejn Aħjar Minni" dwar il-ħajja ta' Ġuza u l-messaġġ tal-Girgenti u DVD ieħor li jinkludi r-rużarju b'leħen Ġuża Mifsud.**Dawn il-kotba u DVDs jistgħu jinkisbu jew mill-Girgenti jew billi tiktbu lis-Segretarja fl-indirizz fuq imsemmi.
5. Wieħed jista' jakkwista wkoll santi bit-talba ta' interċessjoni ta' Ġuża Mifsud (bil-Malti u bl-Ingliż) kif ukoll domni, *keychains,* statwi, ritratti u kuruni bix-xbieha tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn jinkisbu biss mill-Girgenti jew inkella mingħand xi membru tal-Kumitat.
6. L-indirizz tal-website tal-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni huwa dan li ġej: www.ourladyofconsecration.org

**DIKJARAZZJONI:** Il-Bord Editorjali ta' dan il-fuljett jiddikjara li, bl-ebda mod, ma jrid jgħaddi ġudizzju fuq dak li hu soprannaturali fil-fatti msemmija hawnhekk. Dan il-ġudizzju jistennieh mill-Awtorità tal-Knisja.

Veritas Press – Żabbar

NEWSPAPER POST

# LEĦEN IL-GIRGENTI

MAĦRUĠ MILL-KUMITAT MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI

No. 73 JANNAR 2008 JITQASSAM BLA ĦLAS



*Dun Nazzaren Tonna (xellug) u Dun Lawrence Galea waqt l-adorazzjoni fil-Girgenti nhar l-4 ta' Novembru 2007.*

**Il-Kumitat Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni jixtieq iwassal l-isbaħ xewqat tiegħu għas-sena 2008 lill-membri kollha tal-Moviment, lill-qarrejja ta' dan il-fuljett, lill-Maltin u l-Għawdxin kollha u 'l proxxmu kollu. Jalla l-Mulej Ġesù, il-Prinċep tal-paċi jfawrilna qlubna bil-vera paċi u ngħixu lkoll bħala aħwa fi Kristu**